MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 557/2014

**Clifford u Amanda konjugi Xuereb *ad litem* tal-minuri Aiden Xuereb**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Clifford (K.I 496476M) u Amanda (K.I. 329777M) konjugi Xuereb bhala kuraturi *ad litem* tal-minuri Aiden Xuereb datat 25 ta’ Gunju 2014 fejn Amanda Xuereb bil-gurament taghha tikkonferma: -

1. Illi r-rikorrenti zzewgu nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Settembru tas-sena elf disgha mija, disgha u disghin (1999), minn liema zwieg twieled l-minuri Aiden Xuereb, liema twelid gie rregistrat fl-ghoxrin (20) t'Awwissu elfejn u disgha (2009) b'att numru elfejn, seba' mija, disgha u ghoxrin (2729) u dan skont kif jirrizulta mit-Certifikat tat-twelid relattiv illi qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala 'Dok. A'.

2. Illi fl-imsemmi Att tat-Twelid l-imsemmi minuri gie rregistrat illi twieled fit-tlettax (13) t'Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009), f’nofs il-lejl u hamsa, ghalkemm l-imsemmi minuri twieled fit-tnax (12) t'Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza,

3. Illi dan il-fatt huwa kkonfermat ukoll mill-qraba tal-minuri u dan kif jirrizulta mill-affidavits li qed jigu hawn annessi, esebiti u mmarkata bhala 'Dok. B', 'Dok C' u' Dok D'.

Illi ghaldaqstant r-rikorrenti jixtiequ li dan it-tibdil fid-data tat-twelid jigi rifless fl-att tat-twelid tal-minuri.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, inkluz billi tordna l-pubblikazzjoni ta' l-avviz fil-

Gazzetta tal-Gvern *a tenur* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-minuri Aiden Xuereb twieled fit-tnax (12) t'Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009), u mhux fit-tlettax (13) t'Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009);

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkorergi l-Att tat-Twelid Numru elfejn, seba' mija, disgha u ghoxrin (2729) tas-sena elfejn u disgha billi il-jum u x-xahar ta' twelid tal-wild jig mibdula ghal 'tnax (12) t'Awwissu' tas-sena elfejn u disgha (2009), sabiex dan jigi rifless f'kull att ta' l-Istat Civili relattiv.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjes kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Lulju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Regsitru Pubbliku datata 14 ta' Lulju 2014 (fol 27) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenu*r **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-atturi ghandhom jispecifikaw taht liema artikolu tal-ligi huma qieghdin isejsu l-azzjoni taghhom halli b'hekk l-esponenti jkun f' qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb. Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li l-atturi jindikaw taht liema disposizzjonijiet tal-ligi huma qieghdin jorbtu l-proceduri istanti;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-esponent m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din l-azzjoni odjerna, *stante* l-fatt li ma sar l-ebda zball li jista' jkun attribwit lill-esponenti fl-Att tat-Twelid tat-tifel ta' l-atturi u dan tenut kont tas-segwenti ragunijiet:

a. Illi d-dikjarazzjoni fuq l-att tat-twelid ta' Aiden saret mill-missier Clifford Xuereb stess, fejn iddikjara li d-dettalji mnizzla fuq l-istess att huma korretti, u cioe' inkluzi d-dettalji fil-kaxxa fejn jitnizzlu s-siegha, jum, xahar u sena, li ggib id-data tat-13 ta' Awwissu 2009, il-hin 00:05hrs u il-gurnata l-Hamis, bhala d-data, l-gurnata u l-hin tat-twelid tal-minuri Aiden Xuereb. Hija l-prassi tar-Registru Pubbliku illi qabel ma' l-att jigi registrat, dan jinghata lill-genituri sabiex jaraw li l-informazzjoni fl-att odjern giet imnizzla b'mod korrett u biex id-dikjarant jiffirma l-att.

b. Illi *inoltre*, fuq ic-certifikat mahrug mill-isptar Mater Dei *"Notifika ta' Twelid ta' Tarbija"* (hawn anness u mmarkat bhala **Dok DPR1)** id-data tat-twelid ta' l-imsemmi minuri Aiden giet imnizzla bhala t-13 ta' Awwissu

2009 u l-hin 00:05hrs, u liema certifikat gie ffirmat mill-'Midwife' kif ukoll minn omm il-minuri. Ghalhekk ir-Registrazzjoni li saret fl-att tat-twelid tal-minuri u konfermata mill-missier hi interament bbazata fuq dan ic-certifikat ufficjali ta' l-isptar. F'dan il-kaz hawn in dizamina, l-esponenti segwa d-dettami tal-ligi, kif ukoll mexa mal-prassi ufficjali tar-Registru Pubbliku.

4. Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2015 meta ssjehet il-kawza deher Dr Karl Tanti ghar-rikorrent u Dr Maurizio Cordina ghall-intimat. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ Gunju 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi r-rikorrenti proprju *et noe.* qed jagmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* **tal-artikolu 254 tal-Kap.16** saret debitament skont il-Ligi nhar il-4 ta' Lulju 2014 (Fol. 32 tal-process).

Ir-rikorrenti qed jitolbu korrezzjoni fid-data tat-twelid ta' binhom minuri billi din hija imnizzla bhala t-tlettax (13) ta' Awwissu 2009 filwaqt li jghidu li d-data korretta hija t-tnax (12) ta' Awwissu 2009.

L-intimat ressaq diversi eccezzjonijiet, fosthom li d-data tat-twelid tat-tarbija mnizzla fic-certifikat mahrug mill-Isptar *Mater Dei, "Notifika ta' Twelid ta' Tarbija"* (**Dok.DRP1)** hija dik registrata fuq l-Att tat-Twelid. Dan ic-certifikat gie ukoll iffirmat minn omm il-minuri filwaqt li Att tat-Twelid gie kkonfermat minn missier it-tarbija bhala dikjarant fid-dettalji kollha hemm imnizzla. Difatti jghid li hija l-prassi tar-Registru Pubbliku li qabel l-att jigi registrat, dan jinghata lill-genituri sabiex jaraw li l-informazzjoni imnizzla hija korretta.

Illi d-dikjarazzjoni esebita bhala **Dok.DRP1** hija mahruga fit-13 ta' Awwissu 2009 u iffirmata minn Carmen Wareing, li kienet il-*midwife* li assistiet it-twelid tat-tarbija. Il-hin u d-data tat-twelid huma mnizza bhala 13.8.09 - 00.05 hrs. Din il-formola hija ffirmata mill-omm.

Illi r-rikorrenti proprju *et noe.* qed jaghmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* **tal-artikolu 254 tal-Kap.16** saret debitament skont il-Ligi nhar il-11 ta' April 2014 (Fol.15 u 32 tal-process).

Ir-rikorrent xehed li martu marret l-Isptar *Mater Dei* fit-12 ta' Awwissu 2012 . Ibnu twieled f'xi l-hdax ta' filghaxija. Qal li ha ritratt (**Dok.CX1)** u l-camera immarka 11.10. Qal li kien prezenti waqt it-twelid. Qal ukoll li kien hemm studenta prezenti u wara li martu welldet, il-*midwife* baqghet tispjega fid-dettall lill-istudenta li kienet maghha imbaghad "*wara hafna hin tispjega, il-midwife bdiet timla' xi karti bl-informazzjoni tat-tarbija."*

Ir-rikorrenti omm it-tarbija xehdet fid-dettall dwar il-process li wassal ghat-twelid tat-tarbija. Hi qalet "*Ftit hin wara jien harist lejn l-arlogg li kien imdendel mal-hajt fil-labour suite. L-arlogg kien juri l-hin kien is-siegha u nofs nieqes hamsa u ghaldaqstant jien hsibt li kienu qabzu nofs il-lejl. Ghalhekk hsibt li t-tarbija twieldet fit-tlettax ta' Awwissu...Jien dak il-hin ma kontx indunajt li fir-realta l-arlogg li kien mdendel mal-hajt ta' labour suite kien wieqaf."*

Ommha **Diane Agius,** xehdet li r-rikorrent cemplilha bl-ahbar tat-twelid qabel nofs il-lejl ghaliex meta rceviet it-telefonata hi u bintha, Sandra,

harsu lejn l-arlogg u kkummentaw li t-tarbija ma twieldetx fl-istess gurnata tan-neputi l-iehor taghha. **Sandra Mair,** oht ir-rikorrent, ikkonfermat dak li stqarret ommha.

**Josephine Xuereb,** omm ir-rikorrent ukoll xehdet li irceviet l-ahbar tat-twelid b'telefonata ghal xi l-hdax u nofs ta' bil-lejl. Hi u zewgha kienu barra fi triqithom lejn id-dar u qalet li dati u hinijiet dejjem tiftakarhom u ahbar ta' twelid tan-neputi taghha m'hi ser tinsih qatt.

Ir-rikorrenti esibew ritratt (**Dok.E)** tal-omm u t-tarbija bi *print out* mill-*computer* li juri li d-data u l-hin meta r-ritratt ittiehed u gie *saved* bhala - 12/08/09 23.10.

Il-kaz kollu jdur fuq il-hin tat-twelid tat-tarbija billi twieled qrib nofs il-lejl. Jekk twieled wara li skorra dan il-hin, allura d-data mnizzla fuq ic-certifikat hija korretta.

**Carmen Wareing,** il-*midwife,* xehdet[1] *viva voce* u qalet li fittxet fil-*baby book* tal-Isptar fejn id-data tat-twelid tal-minuri huwa mnizzel bhala t-13 ta' Awwissu 2009. Hi kitbet ir-registrazzjoni fuq il-*baby book* u dan "*dejjem fit-time of delivery."* Hi qalet li l-hin tad-*delivery* jittiehed mill-arlogg fuq il-hajt tad-*delivery room.* Qalet ukoll li dejjem jiccekkjaw mal-genituri dwar il-kontenut tac-certifikat. Ikkonfermat ukoll li hi kitbet id-dettalji fuq il-parti ta' fuq tad-**Dok.DRP1** u ffirmatu wkoll.

**L-artiklu 272 tal-Kap.16** jiddisponi hekk: *"F'kull twelid ta' tarbija, hu dmir tal-missier u tal-omm, fin-nuqqas tat-tnejn, tat-tabib, kirurgu, qabla, jew*

[1] Seduta tas-27 ta' Jannar 2015 a fol 40 *et.sequitur.*

*persuna oħra li tkun tat l-għajnuna tagħha fil-ħlas, jew li f'darha jkun sar il-ħlas, li tagħti, fi żmien ħmistax-il jum mit-twelid, avviż tiegħu lill-uffiċjal li għandu d-dmir li jikteb l-att ta' twelid."*

Fil-kaz in ezami, t-taghrif sar minn missier it-tarbija li jidher bhala dikjarant fuq l-att tat-twelid u iffirmah ukoll. Il-hin hemm indikat huwa l-istess hin li gie rregistrat mill-*midwife* fuq ic-certifikat **Dok.DRP1 (***Notifika ta' twelid ta' Tarbija).* Dan ic-certifikat gie kkonfermat mill-*midwife* fis-sens li gharrfet il-kitba u l-firma taghha izda ma setghetx tiftakar il-kaz partikolari minhabba t-trapass taz-zmien.

Illi kkonsidrat li c-certifikat tal-*midwife* ghandu jinghata piz probatorju izda l-veracita' ma tatix lok ghall-presunzjoni *juris er de jure* imma *juris tantum* u jistghu jingiebu provi ghall-kontrarju.

Fil-kaz odjern, jirrizulta li l-*midwife* normalment torbot fuq il-hin registrat fl-arlogg mal-hajt tad-*delivery room* meta tirregistra l-hin tat-twelid. Dwar dan, ir-rikorrenti xehdet li l-arlogg kien wieqaf.

Illi r-rikorrenti gabu x-xhiedha ta' skorta ta' familjari li affermaw il-hin tat-twelid li kien qabel it-tokk ta' nofs il-lejl. Din l-affermazzjoni saret minn nanniet tat-tarbija, li kienu seqer fuq il-hin, u z-zija tat-tarbija u spjegaw anke l-kuntest meta ircevew it-telefonata tar-rikorrent bl-ahbar tat-twelid.

Din il-Qorti m'ghandhiex raguni ghalfejn ghandha tissuspetta f'xi kolluzjoni bejn ix-xhieda mressqa.

Inoltre gie prodott 'record' elettroniku minn *computer* riferibbilment ghar-ritratt li ttiehed tal-omm bit-tarbija fid-*delivery room* li juri l-hin ta’ 11:10 fit-12 ta' Awwissu 2009. Din il-prova ma gietx ripudjata. Il-hin hu korroborat mix-xhieda tar-rikorrent u minn ommu li qalet li rceviet it-telefonata ta' binha ghall-habta tal-11.30 ta' bil-lejl.

Ghalhekk fid-dawl tal-premess il-Qorti hi tal-fehma li jirriżulta li sar l-iżball indikat mir-rikorrenti u kwindi t-talba hija ġustifikata. Madankollu ma jidhirx li l-konvenut jaħti għall-iżball, u allura ma għandhux ibati spejjeż.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur** sa fejn huma inkompatibbli ma’ din is-sentenza, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:-

**Tilqa' l-ewwel talba u** tiddikjara illi l-minuri Aiden Xuereb twieled fit-tnax (12) t'Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009), u mhux fit-tlettax (13) t'Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009);

**Tilqa' t-tieni talba u** tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkorergi l-Att tat-Twelid Numru elfejn, seba’ mija, disgha u ghoxrin (2729) tas-sena elfejn u disgha (2009) billi l-jum u x-xahar ta' twelid tal-wild jigu mibdula ghal 'tnax (12) t'Awwissu' tas-sena elfejn u disgha (2009), sabiex dan jigi rifless f’kull att ta' l-Istat Civili relattiv.

Billi l-hin muri fuq ic-certifikat tat-twelid ukoll jirrizulta skorrett, il-Qorti tordna li ghandha ssir korrezzjoni wkoll fis-sens li l-hin ghandu jirrizulta li huwa 23:10 skont ir-rizultanzi f'din il-kawza.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------